# "Offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj"
## Adorazzjoni Ewkaristika
## Ġunju 2026

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
O Verb t'Alla, li nżilt fostna
u sirt bniedem, għammart magħna
bla ma ħallejt lil Missierek,
ħa sseħħ bik il-fidwa tagħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

F'dik il-lejla li d-dixxiplu
kien se jtik f'idejn l-għedewwa,
inagħtajt int lid-dixxipli
fil-ħobż ħaj li fih kull ħlewwa.

*Missierna, Sliema, Glorja*

F'żewġ xbihat ħallejt 'il Ġismek
u lil Demmek biex trejjaqna;
hekk ġo fina tiżra' l-ħajja
li għad ngħixu flimkien miegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Twelidt u sirt wieħed minna;
għext, u fl-Ikla bbqajt hawn magħna;
mitt, u ħallast prezz il-fidwa;
issa ssaltan, tippremjana.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Vittma mqaddsa, li salvajtna,
li ftaħtilna l-bieb tal-ġenna,
biegħed minna l-ħbit tal-għadu,
qawwi l-qalb li bik tithenna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Glorja lilek, Ġesù Sidna,
lill-Missier, u lill-Ispirtu.
Int tagħtina li fil-glorja
ta' bla tmiem flimkien nixxierku. Ammen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Ħadd ma jista' jfisser l-għaxqa u l-benna ta' dan is-sagrament: bih induqu l-ħlewwa tal-Ispirtu; u fih issir it-tifkira tal-imħabba bla qies li l-Mulej uriena fil-passjoni tiegħu.

> Biex din l-imħabba, fil-kobor bla qies tagħha, tagħmel għeruq sa f'qiegħ il-qalb ta' dawk li jemmnu, il-Mulej, li kien se jħalli din id-dinja biex jerġa' lura għand il-Missier, fl-aħħar ikla mad-dixxipli tiegħu, wara li ċċelebra l-Għid magħhom, waqqaf dan is-sagrament bħala tifkira għal dejjem tal-Passjoni tiegħu; b'hekk seħħu x-xbihat kollha tal-Liġi l-qadima. Ried ukoll li dan is-sagrament, li hu l-aqwa fost il-mirakli kollha li għamel, ikun ta' faraġ għal dawk li kienu mnikkta minħabba t-tluq tiegħu mid-dinja.
>
> (San Tumas ta' Aquino, *Opuscolum 57, in festo Corporis Christi, lect.* 1-4)

Huwa b'dan il-kliem ta' San Tumas ta' Aquino li, bħala ġemgħa waħda miġbura madwar l-altar, se ninxteħtu quddiem Ġesù Ewkaristija llejla. Ninxteħtu nqima lill-Feddej tagħna li, wara li ċċekken u sar bniedem bħalna, kompla jixxejjen billi sar ikel tar-ruħ u xorb tal-ħajja. U dan nagħmluh aħna u nħejju ruħna biex nagħmlu ċelebrazzjoni solenni l-Ħadd li ġej ta' dan il-misteru tal-għaġeb li permezz tiegħu Alla għażel li ma jitbegħidx minna imma jibqa' magħna; jibqa' jrejjaqna fil-vjaġġ lejn is-sema, u jibqa' jgħammar fostna fis-skiet, f'din id-dar tat-talb, qalb id-djar tagħna.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani** (12, 1-2)
Nitlobkom, ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom. Timxux max-xejra ta' din id-dinja, iżda nbidlu skond it-tiġdid ta' fehmietkom, biex iseħħilkom tagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu t-tajjeb li jogħġbu, x'inhu perfett.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/.* Irroddu ħajr lil Alla.

Is-skiet tas-Sagrament tal-Ewkaristija. Is-skiet ta' Alla li ma jiġbidniex lejh b'daqq ta' fanfarri. Is-skiet ta' Alla li ma jnaffarniex bi twissijiet mistħoqqa. Is-skiet li bħal donnu joffrilna siġġu fis-salott tiegħu—f'daru, li hi wkoll darna—sabiex inkunu nistgħu nitkellmu bil-libertà u nferrgħu t-tnehid ta' qalbna u l-weġgħat ta' ruħna mħeddla. Is-skiet li fl-istess ħin ma jisforzaniex biex nitkellmu ... jekk irridu, nistgħu ma ngħidu xejn u noqogħdu niggustaw il-preżenza ħelwa tiegħu u nħalluh jurina li hu jitgħaxxaq bina ħdejh, ukoll jekk ħwejjiġna mimlijin trab tal-ħajja, u ġisimna maħmuġ bid-dnub. L-ispazju tiegħu huwa spazju miftuħ għal kulħadd, imma hu wkoll stedina għal kulħadd biex isir jixbhu. Iħobbna u jħaddanna kif aħna, imma, għax tassew iħobbna, jixtieq li aħna wkoll miegħu nkunu nistgħu rressqu offerta safja, ħierġa minn kuxjenza safja.
It-twiddiba tas-skiet tiegħu mhijiex frosta imma hija stedina ta' mħabba, bħal dik li l-Appostlu Pawlu smajnieh jagħmel lill-Insara ta' Ruma: "Nitlobkom, ħuti,

għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla." San Pietru Krisologu—isqof u duttur tal-Knisja li għex bejn ir-raba' u l-ħames seklu—f'dan il-kliem ta' Pawlu, bħal donnu jisma' lill-Mulej ikellimna. Ejjew għalhekk, nisimgħu kliemu bir-reqqa u nġarrbu leħen il-Mulej jitlobna hekk f'dan is-skiet tal-Ewkaristija:

> Isma' l-Mulej jitlobna: Araw, araw fija l-ġisem tagħkom, il-membri kollha ta' ġisimkom, qalbkom, għadamkom, demmkom. Jekk intom tibżgħu minn dak li hu ta' Alla, kif ma tħobbux dak li hu tagħkom? X'ma tħobbux minn dak li hu tagħkom? Jekk taħarbu 'l Alla, fittxu almenu dak li hu qaribkom!
> Forsi tistħu minħabba l-kefrija tal-passjoni li ġegħltuni nġarrab. Tibżgħux. Is-salib ma kienx moħqrija għalija; kien moħqrija mhux għalija iżda għall-mewt. Dawn l-imsiemer ma weġġgħunix imma kebbsu fija l-imħabba għalikom. Dawn il-pjagi ma joħorġux tnehid minn qalbi, iżda f'qalbi jdaħħlu lilkom. Ġismi stendut fuq is-salib ma żidlix l-uġigħ, imma wessa' qalbi għalikom. Demmi ma ntilifx, imma nxtered bi ħlas għalikom.
> Ejjew, mela, u erġgħu lura u araw x'missier jien għalikom! Jien nagħtikom il-ġid għad-deni li għamiltuli, l-imħabba għat-tkasbir li bih kasbartuni, il-ħeġġa kbira tal-imħabba għall-pjagi kbar li tajtuni.
>
> (*Sermo* 108, PL 52.499-500)

(*adorazzjoni fis-skiet*)

X'se tkun issa t-tweġiba tiegħek għal dan il-kliem kollu mħabba li żgur il-Mulej Ġesù jlissen fis-skiet ta' qalb kull wieħed u waħda minna, kull meta nkunu quddiemu? Taħrabx mis-skiet, terġax lura. Qim bis-skiet mingħajr kliem, inti u tagħraf ix-xejn tiegħek, imma wkoll tagħraf ix-xejn li għalih hu xxejjen għalik. Agħraf, u la tibżax. U wieġeb. Wieġeb b'tifħir sieket, b'radd il-ħajr, bid-dmugħ ta' hena. Wieġeb billi tħalli lil ruħek ittiegħem dil-benna tas-sema u l-fwieħa ħelwa ta' dak li hu l-isbaħ fost ulied il-bnedmin u li l-ħlewwa hi msawba fuq xufftejh (ara Salm 45, 3).

## Innu Ewkaristiku

Il-kmand tal-Appostlu Pawlu biex noffru ġisimna b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, mhijiex biss stedina għal qima tassew spiritwali; ma tissarrafx biss f'adorazzjoni u tifħir lill-Mulej offrut għalina fl-Ewkaristija. Dan il-kmand jagħti forma lill-istess ħajja tagħna: iħeġġiġna biex noffru lilna nnifisna stess b'sagrifiċċju. Għax, jekk l-ikel li nieklu jqawwi 'l ġisimna u jinbidel fl-organi u l-partijiet differenti tiegħu, permezz tal-Ewkaristija mhux biss tistaħja ruħna imma jintmiss kull aspett tal-ħajja tagħna, u, għall-kontrarju tal-ikel materjali, meta nirċievu—u anke nqimu—l-Ewkaristija, Ġisem u Demm il-Mulej jittrasformaw lilna fih, hekk li ħajjitna ssir Ewkaristija: ħajjitna kollha tkun talba ta' radd il-ħajr;

ħajjitna kollha wkoll tkun offerta għad-dinja u lid-dinja biex id-dinja ssir dejjem iżjed post fejn jista' jgħammar Alla u tkun togħġbu.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mulej Ġesù, imseħbin fis-saċerdozju waħdieni tiegħek permezz tal-magħmudija tagħna, aħna wkoll irridu noffru dak kollu li aħna—ġisimna, ruħna, qalbna, il-menti tagħna, l-imħabba u l-qawwa tagħna—biex dawn ukoll jinbidlu u jsiru ikel u xorb għas-salvazzjoni ta' ħutna l-bnedmin li għandhom tibgħatna biex naqduk meta l-qassis jibgħatna fil-paċi tiegħek fi tmiem il-quddiesa.
Imma għalissa, kif għadna miġburin madwarek, se nwettqu din l-offerta billi ninterċedu bit-talb tagħna għall-Knisja u għad-dinja, filwaqt li flimkien inwieġbu: ***għaqqad ma' tiegħek l-offerta tagħna nfusna, Mulej.***

- Għajjex, Mulej Ġesù, bil-ġisem u d-demm tiegħek lill-poplu tiegħek, kull fejn jinsab fid-dinja, u, għall-ġid tal-Knisja tiegħek, nitolbuk: *(flimkien)* ***għaqqad ma' tiegħek l-offerta tagħna nfusna, Mulej.***
- Ferra' fuq id-dinja kollha l-paċi tiegħek, u, għas-sliem tagħha, nitolbuk: *(flimkien)* ***għaqqad ma' tiegħek l-offerta tagħna nfusna, Mulej.***
- Seddaq lil dawk kollha li ġew magħżula biex imexxu lilna li ngħammru f'dawn il-gżejjer, u lil dawk kollha li jaħdmu fis-servizz pubbliku, u, għall-bini ta' soċjetà tassew b'saħħitha, nitolbuk: *(flimkien)* ***għaqqad ma' tiegħek l-offerta tagħna nfusna, Mulej.***
- Farraġ lil dawk li huma mċaħħda mill-ikla mqaddsa tiegħek, Ġesù ħanin, minħabba mard, distanzi, u nuqqas ta' vokazzjonijiet, u, għat-tqaddis tal-poplu kollu tiegħek, nitolbuk: *(flimkien)* ***għaqqad ma' tiegħek l-offerta tagħna nfusna, Mulej.***
- Bierek lis-saċerdoti tagħna li permezz tagħhom iseħħilna niksbu dan l-ikel tal-ħajja ta' dejjem, u, għall-qdusija tagħhom, nitolbuk: *(flimkien)* ***għaqqad ma' tiegħek l-offerta tagħna nfusna, Mulej.***
- Qawwi lil dawk li qegħdin jippreparaw ruħhom għas-saċerdozju, u agħmel il-qalb lil dawk li qed tagħmlilhom din is-sejħa. Għall-ġid tagħhom u tal-Knisja, nitolbuk: *(flimkien)* ***għaqqad ma' tiegħek l-offerta tagħna nfusna, Mulej.***
- Sieħeb fl-hena ta' dejjem lil dawk li fuq l-art qdewk madwar l-altar u ħadu sehem mill-ikel u x-xorb tiegħek. Għas-salvazzjoni tagħhom, nitolbuk: *(flimkien)* ***għaqqad ma' tiegħek l-offerta tagħna nfusna, Mulej.***

Għaqqad ma' tiegħek, Mulej, din l-offerta tagħna nfusna għas-saħħa tad-dinja u t-tqaddis tal-Knisja, u sieħeb kull nifs li nieħdu mas-sagrifiċċju waħdieni tiegħek lill-Missier, li miegħu tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**